MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 19/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-25 ta’ Ottubru 2005 (Dok. A) mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kontendenti ilhom separati de facto ghal aktar minn erba’ snin;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi ai termini tal-Att XIV tal-2011, il-kontendenti ghaddew mill-process ta' medjazzjoni (Ittra numru 1432/2012 MC)

5. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwisjtoni ta' manteniment u m'hemmx pendenzi ulterjuri.

6. Illi ghalhekk l-esponenti tixtieq titlob li d-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn ma' zewgha.

Talbet sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna l-hall taz-zwieg bejn l-esponenti u zewgha u konsegwentement tordna li l-eventwali digriet jew sentenza ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dan salv kull provvediment iehor li dina l-Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati de facto ghal aktar minn erba' snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi il-partijiet ghaddew minn process ta' medjazzjoni u illi bejniethom ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------